MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2105/2002

**Petroleum Services plc**

**vs**

**Joseph Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-4 ta' Settembru, 2002, fejn intqal illi s-socjeta' attrici ghandha ftehim ma' l-ishmatarji biex ma ilizzawx servizzi ta' manutenzjoni ta' kumpaniji ohrajn minbarra dawk tas-socjeta' attrici stess, u dan biex hi tkun tista' tikseb rati favorevoli minn kumpaniji li joffru dawn is-servizzi fuq petrol stations;**

**Illi sabiex t'offri dawn is-servizzi lill-ishmatarji u timpjega lill-haddiema, s-socjeta' attrici tigbor ammonti fissi mill-ishmatarji, kif jidher mic-cirkolari annessa mat-talba bhala Dok A;**

**Illi l-konvenut accetta dan il-ftehim u fil-fatt diversi drabi talab is-servizzi tas-socjeta' attrici, kif jidher mill-istatements annessi bhala Dok 'B' sa 'D', u gieli hallas xi ammonti.**

**Illi minkejja dan l-ammont dovut bhala bilanc, ta' elf tlett mija u hames liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm1305.64) ghadu ma thallasx u dan minkejja l-ittra bonarja datata 9 ta' Lulju 2002 (annessa Dok 'E').**

**Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra bonarja.**

**Ra r-risposta prezentata fl-1 ta' Novembru,2002 fejn gie eccepit :**
**1. Illi s-socjeta' attrici ma ghandha l-ebda locus standi f'din il-kawza peress li skond il-ftehim li jezisti huma l-azzjonisti personalment u mhux is-socjeta' li ghandhom interess guridiku u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**
**2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit ma jezisti l-ebda ftehim bil-mod allegat fl-avviz. Dato ma non concesso li hemm xi forma ta' ftehim dan ghandu jkun kommerzurabbli mas-servizzi li rrendiet is-socjeta' attrici.**
**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
**4. Bl-ispejjez u bl-interessi legali.**

**Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata fis-6 ta' April, 2004 fejn gie eccepit illi minn ezami tad-dokument esebit mis-socjeta' attrici fis-27 ta' Novembru, 2002 jirrizulta li l-konvenut qatt ma ffirma ftehim f'ismu proprio izda f'isem Saltum Co. Ltd. u quindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux il-legittimu kontradittur.**

**Semgha x-xhieda ta' Carlo Cini u ta' Joseph Caruana. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra d-decizzjoni preliminari tat-28 ta' Novembru, 2003.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din id-decizjoni qed tinghata fir-rigward ta' l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut fis-6 ta' April, 2004 dwar illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur.**

**2. Jirrizulta sija mix-xhieda ta' l-istess konvenut Joseph Caruana, kif ukoll mill-ftehim prezentat a fol 15 sa 28 tal-process u partikolarment a fol 25 tal-process fejn Joseph Caruana ffirma ghan-nom ta' Saltum Company Limited, ghalkemm fil-ftehim a fol 16 tal-process hemm imnizzel Joseph Caruana f'ismu proprju u a fol 19 tal-process jidher illi huwa Joseph Caruana l-ishmatarju ta' mitejn u hamsin *ordinary shares* ta' lira-il wiehed ta' l-isemmija kumpanija. Skond ma qal Joseph Caruana hu fil-fatt kien qieghed jidher ghal kumpanija.**

**3. Skond ix-xhud Carlo Cini *chairman* tas-socjeta' attrici, Caruana qatt ma nfurmah li kien qed jidher ghan-nom ta' kumpanija, kif fil-fatt ghamel meta ffirma l-kuntratt a fol 25 tal-process.**

**It-Tribunal jinnota d-diskrepanza li hemm fil-korp tal-ftehim esebit u fil-firmatarju. Pero' in kwantu l-ftehim gie ffirmat minn Joseph Caruana ghan-nom ta' Saltum Co. Ltd. ma jistax hlief ifisser illi r-relazzjoni tas-socjeta' attrici ma kienetx ma' l-attur f'ismu personali u konsegwentement it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma hux il-legittimu kontradittur, salv hu mpregudikat kull dritt tas-socjeta' attrici kontra terzi.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza kif ukoll dawk tad-decizjoni preliminari tat-28 ta' Novembru, 2003 jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------